

Brussell, 25 ta' Jannar 2021  
(OR. en)

5591/21

LIMITE

JUR 43  
UK 25

## OPINJONI TAS-SERVIZZ LEGALI<sup>1</sup>

minn: Servizz Legali

Suġġett: Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra

- Ftehim li jirrigwarda lill-UE biss
- Eżerċizzju mill-UE tal-kompetenza potenzjali tagħha

### I. INTRODUZZJONI

1. Fil-laqgħa tal-Coreper tat-23 ta' Novembru 2020, ir-rappreżentant tas-Servizz Legali tal-Kunsill (SLK) għamel intervent bil-fomm dwar in-natura legali tal-ftehim futur mar-Renju Unit li kien qed jiġi nnegożjat, u b'mod aktar partikolari dwar il-kwistjoni tat-taħlita u dwar in-natura possibbli ta' dak il-ftehim futur bħala wieħed li jirrigwarda lill-UE biss, permezz tal-eżerċizzju mill-UE tal-hekk imsejħa kompetenza potenzjali tagħha. Sadanittant, il-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-UE u l-Euratom, minn naħa, u r-Renju Unit, min-naħa l-oħra, ġie ffirmat fit-30 ta' Diċembru 2020 (il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni).

<sup>1</sup> Dan id-dokument fih parir legali protett taħt l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 rigward l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, u li l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ma ħariġx għall-pubbliku. Il-Kunsill jirriżerva d-drittijiet legali kollha tiegħu fir-rigward ta' kwalunkwe pubblikazzjoni mhux awtorizzata.

2. Bi tweġiba għal talba minn diversi delegazzjonijiet, b'mod partikolari fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Renju Unit tat-13 ta' Jannar 2021, din l-opinjoni tikkonferma u tiżviluppa bil-miktub it-tweġibiet diġà pprovduti bil-fomm mis-SLK. Din tiffoka b'mod aktar partikolari fuq il-kwistjoni li l-UE teżerċita esternament il-kompetenza potenzjali tagħha, jiġifieri l-eżerċizzju tal-kompetenza tagħha f'oqsma ta' kompetenza kondiviża li mhumiex diġà soġġetti għal regoli komuni skont it-tifsira tal-Artikolu 3(2) TFUE u l-ġurisprudenza relatata - u l-konsegwenzi legali ta' tali eżerċizzju ta' kompetenzi.
3. Fid-dawl taż-żmien qasir disponibbli fil-proċess ta' konklużjoni li għaddej bħalissa, din l-opinjoni tiffoka fuq il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni u ma tipprovdix eżami fil-fond tal-aspetti kollha tiegħu, u lanqas ma tipprovdix analiżi komprensiva u dettaljata tal-kompetenza.

## II. SFOND FATTWALI U LEGALI

4. Fil-25 ta' Frar 2020, il-Kunsill adotta d-deċiżjoni tiegħu<sup>2</sup> li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal ftehim futur mar-Renju Unit, li magħha ġew annessi d-direttivi ta' negozjati<sup>3</sup>. Din id-deċiżjoni nnominat ukoll il-Kummissjoni bħala n-negozjatur tal-UE. B'mod parallel, il-Kunsill u r-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri rreġistraw dikjarazzjoni<sup>4</sup> mal-minuti tal-Kunsill. F'din id-dikjarazzjoni, ir-rappreżentanti tal-Istati Membri awtorizzaw lill-Kummissjoni biex tmexxi negozjati f'oqsma tar-relazzjoni futura li jaqgħu fl-ambitu tal-kompetenzi tagħhom u ddikjaraw li l-kwistjoni dwar jekk il-ftehim il-ġdid jiġix konkluż mill-UE jew mill-UE u l-Istati Membri tagħha għad trid tiġi ddeterminata fi tmiem in-negozjati<sup>5</sup>

---

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/266 tal-25 ta' Frar 2020 li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati mar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq għal ftehim ta' sħubija ġdid (ĠU L 58, 27.2.2020, p. 53).

<sup>3</sup> Dokument 5870/20 ADD 1 REV 3, Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq għal ftehim ta' sħubija ġdid, 25 ta' Frar 2020.

<sup>4</sup> Anness B tad-dokument 6239/20.

<sup>5</sup> "[I]r-rappreżentanti tal-Istati Membri jawtorizzaw lill-Kummissjoni biex twettaq negozjati f'oqsma (...) li jaqgħu fi ħdan il-kompetenzi tal-Istati Membri" (...) u "l-kwistjoni ta' jekk il-ftehim (...) hux ser jiġi konkluż mill-Unjoni jew mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha ser tiġi determinata fi tmiem in-negozjati". (enfasi miżjuda).

5. In-negozjati, li tlestew sal-24 ta' Diċembru 2020, irriżultaw fi tliet ftehimiet: il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni; il-Ftehim bejn l-UE u r-Renju Unit dwar proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju u l-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata, li jissupplimenta l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni; u Ftehim bejn il-Gvern tar-Renju Unit u l-Euratom għall-Kooperazzjoni dwar l-Użu Sikur u Paċifiku tal-Enerġija Nukleari. Kif indikat hawn fuq, din l-opinjoni tiffoka fuq l-ewwel Ftehim.
6. Fl-ewwel Artikolu tiegħu, il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni "*jistabbilixxi l-bażi għal relazzjoni wiesgħa bejn [l-UE u r-Renju Unit] f'ambjent ta' prosperità u viċinanza tajba kkaratterizzat minn relazzjonijiet mill-qrib u paċifiċi bbażati fuq il-kooperazzjoni, li jirrispettaw l-awtonomija u s-sovranià tal-Partijiet*"<sup>6</sup>. Meta ddeċieda li jiffirma l-Ftehim, il-Kunsill ikkaratterizzah bħala li "[jistabbilixxi] *l-bażi għal relazzjoni wiesgħa bejn [l-UE u r-Renju Unit] li ġgħib magħha drittijiet u obbligi reċiproċi, azzjonijiet komuni u proċeduri speċjali*" li hija l-formulazzjoni mill-Artikolu 217 TFUE dwar ftehimiet ta' assoċjazzjoni, li abbażi tiegħu l-Kunsill għażel li jiffirma l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni mar-Renju Unit.<sup>7</sup>
7. Il-Ftehim ta' dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni mar-Renju Unit jistabbilixxi arranġamenti f'firxa wiesgħa ta' oqsma bħall-kummerċ ta' merkanzija, is-servizzi, l-investimenti, il-kummerċ diġitali, il-movimenti u pagamenti ta' kapital, il-proprietà intellettwali, l-akkwist pubbliku, l-enerġija, l-avjazzjoni u t-trasport bit-triq, is-sajd, il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali, l-assenza ta' viżi għal żjarat qosra (it-Tieni Parti tal-Ftehim), l-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali (it-Tielet Parti), il-kooperazzjoni tematika (saħħa u ċibersigurtà) (ir-Raba' Parti) u l-parteċipazzjoni fi programmi tal-UE (il-Ħames Parti).

---

<sup>6</sup> Ara l-Artikolu COMPROV.1 (Skop) tal-Ftehim. Din il-formulazzjoni hija simili għal dik fl-Artikolu 8(1) TUE dwar ir-relazzjonijiet tal-UE mal-pajjiżi ġirien.

<sup>7</sup> Ara l-Premessa 5 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/2252 tat-29 ta' Diċembru 2020 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, u tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju u għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata (ĠU L 444, 31.12.2020, p. 2).

Huwa mirfud minn dispożizzjonijiet li jiżguraw qafas istituzzjonali komuni (l-Ewwel Parti tal-Ftehim), inkluż mekkaniżmu għas-soluzzjoni ta' tilwim (is-Sitt Parti), u kondizzjonijiet ekwi bejn il-Partijiet. Hemm 49 anness u tliet protokoll għall-Ftehim: il-Protokoll dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud u dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru ta' pretensjonijiet relatati ma' taxxi u ma' dazji; Protokoll dwar l-assistenza amministrattiva reċiproka fi kwistjonijiet doganali; u Protokoll dwar il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali.

Fit-tieni Artikolu tiegħu, il-Ftehim jipprevedi li ftehimiet bilaterali futuri bejn l-UE u r-Renju Unit "*għandhom jikkostitwixxu ftehimiet supplimentari għal dan il-Ftehim sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dawk il-ftehimiet*" u "*dawn il-ftehimiet supplimentari għandhom ikunu parti integrali mir-relazzjonijiet bilaterali kumplessivi kif regolati minn dan il-Ftehim u għandhom jiffurmaw parti mill-qafas ġenerali*"<sup>8</sup>.

8. Fid-29 ta' Diċembru 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2020/2252, dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni u tal-Ftehim dwar is-Sigurtà tal-Informazzjoni ("id-deċiżjoni dwar l-iffirmar")<sup>9</sup>.
9. Permezz ta' din id-deċiżjoni, il-Kunsill "*fid-dawl tal-karattru eċċezzjonali u uniku tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, li huwa ftehim komprensiv ma' pajjiż li ħareġ mill-Unjoni (...) [iddeċieda] li juża l-possibbiltà li l-Unjoni teżerċita l-kompetenza esterna tagħha fir-rigward tar-[Renju Unit]*" (premissa 6). Il-Kunsill għalhekk għamel l-għażla politika li l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni kellu jiġi konkluż bħala ftehim li jirrigwarda lill-UE biss. Dan huwa indikat b'mod espliċitu fid-deċiżjoni dwar l-iffirmar.

---

<sup>8</sup> Ara l-Artikolu COMPROV.2 (ftehimiet supplimentari).

<sup>9</sup> Ara n-nota 7 fqiegħ il-paġna hawn fuq.

Ir-raġunijiet għal din l-għażla politika huma spjegati fil-premessa 6 - "*fid-dawl tal-karattru eċċezzjonali u uniku tal-[Ftehim]*" - iżda wkoll, indirettament, fil-premessa 16 tad-deċiżjoni dwar l-iffirmar li tispjega r-raġunijiet għad-deċiżjoni tal-Kunsill li japplika l-Ftehim b'mod proviżorju minħabba l-fatt li jikkonċerna "*pajjiż li ħareġ mill-Unjon*", u għalhekk ir-Renju Unit jinsab "*fsitwazzjoni differenti u eċċezzjonali fil-konfront tal-Unjoni meta mqabbel ma' pajjiżi terzi*". Il-livell ta' kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit kien fil-fatt ser jonqos minn livell għoli ħafna fi tmiem il-perijodu ta' tranżizzjoni - li matulu l-*acquis* tal-UE kien għadu japplika għar-Renju Unit - għal livell inferjuri ta' kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit minn tmiem dak il-perijodu 'l quddiem, u b'hekk jikkawża tfixkil li s-severità tiegħu jista' jiġi limitat permezz tal-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.

10. Il-konsegwenzi, u l-limiti, tal-għażla politika msemmija hawn fuq huma stipulati b'mod ċar fil-premessa 15 u l-Artikolu 10 tad-deċiżjoni dwar l-iffirmar fejn huwa ddikjarat li "*l-eżerċizzju ta' kompetenza tal-Unjoni permezz tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi rispettivi tal-Unjoni u tal-Istati Membri fi kwalunkwe negozjar li jkun għaddej jew futur għal ftehimiet internazzjonali, jew fl-iffirmar jew konklużjoni tagħhom, ma' kwalunkwe pajjiż terz ieħor jew b'rabta ma' kwalunkwe negozjar futur dwar kwalunkwe ftehim supplimentari, jew dwar l-iffirmar jew il-konklużjoni tiegħu, [għall-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni]*".
11. Fil-25 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni<sup>10</sup>. Id-diskussjonijiet fil-Kunsill dwar din il-proposta għadhom għaddejjin.

---

<sup>10</sup> COM (2020) 856 final.

### III. ANALIŻI LEGALI

12. Il-fehmiet tas-SLK intalbu fir-rigward tan-natura legali tal-Ftehim dwar il-Kummerç u l-Kooperazzjoni, u aktar speċifikament, dwar il-kwistjoni tal-eżerċizzju mill-UE tal-kompetenza potenzjali tagħha, dwar il-kwistjoni li l-Ftehim jirrigwarda lill-UE biss u dwar il-kwistjoni tal-konsegwenzi legali għall-Istati Membri ta' tali eżerċizzju ta' kompetenzi. Kif indikat fil-paragrafu 3 hawn fuq, is-SLK mhux ser jeżamina kull titolu tal-ftehim jew jipproċedi għal analiżi komprensiva u dettaljata tal-kompetenza.

#### A. **Kompetenzi esklużivi u kondiviżi tal-UE, kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja**

13. F'konformità mal-Artikolu 3(1) TFUE, l-UE għandha kompetenza esklużiva, b'mod partikolari, fl-oqsma li ġejjin: l-unjoni doganali, l-istabbiliment ta' regoli ta' kompetizzjoni meħtieġa għall-funzjonament tas-suq intern, il-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar skont il-politiki komuni tas-sajd, u l-politika kummerċjali komuni.

14. F'konformità mal-Artikolu 3(2) TFUE, l-UE [għandha] "*wkoll kompetenza esklużiva li tikkonkludi ftehim internazzjonali (...) sal-punt fejn il-konklużjoni tiegħu tista' tolqot xi regoli komuni jew tbiddel il-kamp tal-applikazzjoni tagħhom*". Kif iċċarat mill-Qorti fis-sentenza tagħha fil-Kawża tal-Konvenzjoni dwar ix-Xandir<sup>11</sup>, din l-aħħar parti tal-Artikolu 3(2) tikkodifika l-hekk imsejħa ġurisprudenza AETR, jew ERTA<sup>12</sup>.

---

<sup>11</sup> Kawża C-114/12, *Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill ("Il-Konvenzjoni dwar ix-Xandir")*, Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tal-4 ta' Settembru 2014, EU:C:2014:2151, paragrafi 66 u 67. Ara wkoll l-Opinjoni 1/13 tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tal-14 ta' Ottubru 2014, *Konvenzjoni dwar il-Ħtif ta' Minuri*, EU:C:2014:2303, paragrafi 69 sa 74.

<sup>12</sup> Kawża 22/70, *Il-Kummissjoni vs il-Kunsill ("ERTA")*, sentenza tal-31 ta' Marzu 1971, EU:C:1971:32, paragrafi 17 sa 19: "*17. B'mod partikolari, kull darba li l-Komunità, bil-għan li timplimenta politika komuni kif maħsuba fit-Trattat, tadotta dispożizzjonijiet li jipprovdu regoli komuni, indipendentement mill-għamla li jistgħu jieħdu, l-Istati Membri ma jkollhomx aktar id-dritt, billi jaġixxu individwalment jew anki kollettivament, li jidħlu għal obbligi ma' pajjiżi terzi li jaffettwaw dawk ir-regoli. 18. Fil-fatt, kif u meta dawn ir-regoli komuni jiġu adottati, il-Komunità biss tkun tista' tassumi u twettaq l-obbligi kontrattwali lejn pajjiżi terzi li jaffettwaw il-kamp ta' applikazzjoni kollu tas-sistema legali tal-Komunità. 19. Għaldaqstant, fl-implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat, is-sistema ta' miżuri interni tal-Komunità ma tistax tiġi sseparata minn dik ta' relazzjonijiet barranin.*"

15. Dwar il-kompetenzi kondiviżi, l-Artikolu 4(1) u (2) TFUE jipprevedi dan li ġejj:

"1. *L-Unjoni għandha kompetenza kondiviża mal-Istati Membri fejn it-Trattati jtuha kompetenza li ma tirrigwardax l-oqsma previsti fl-Artikoli 3 u 6.*

2. *Il-kompetenza kondiviża bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tapplika għall-oqsma prinċipali li ġejjin:*

(a) *is-suq intern; (...)*

(e) *l-ambjent;*

(f) *il-protezzjoni tal-konsumatur;*

(g) *it-trasport; (...)*

(i) *l-enerġija;*

(j) *l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja;*

(k) *l-interessi komuni ta' sigurtà f'materji ta' saħħa pubblika (...)"*

16. Il-Qorti kienet konsistentement tal-fehma li hemm riskju li regoli komuni tal-UE jistgħu jiġu affettwati minn impenji meħuda mill-Istati Membri, jew li l-kamp ta' applikazzjoni ta' dawk ir-regoli jista' jinbidel, b'mod li jiġġustifika kompetenza esterna esklużiva tal-UE skont l-Artikolu 3(2) TFUE, meta dawk l-impenji jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli komuni tal-UE msemmija<sup>13</sup>.

17. Il-konstatazzjoni ta' tali riskju ma timplikax li l-qasam kopert bl-impenji internazzjonali (kemm dawk effettivi kif ukoll dawk previsti) u dak kopert mir-regoli tal-UE jikkoinċidu għalkollox. B'mod partikolari, il-kamp ta' applikazzjoni ta' regoli komuni tal-UE jista' jiġi affettwat minn impenji internazzjonali meta dawk l-impenji jaqgħu f'qasam li huwa fil-biċċa l-kbira kopert minn tali regoli. Barra minn hekk, tali riskju li jiġu affettwati regoli komuni tal-UE jista' jiġi kkonstatat li jeżisti meta l-impenji internazzjonali inkwistjoni, mingħajr ma neċessarjament jmorru kontra dawk ir-regoli, jista' jkollhom effett fuq it-tifsira, il-kamp ta' applikazzjoni u l-effettività tagħhom<sup>14</sup>.

<sup>13</sup> Opinjoni 2/91 tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Marzu 1993, *ILO*, EU:C:1993:106, paragrafu 25; Kawża C-467/98, *Il-Kummissjoni vs Id-Danimarka ("Sema Miftuħ")*, sentenza tal-Qorti tal-5 ta' Novembru 2002, EU:C:2002:625, paragrafu 82; u l-Opinjoni 1/03 tal-Qorti tal-Ġustizzja (Qorti Plenarja) tas-7 ta' Frar 2006, *Konvenzjoni ta' Lugano*, EU:C:2006:81, paragrafi 120 sa 126.

<sup>14</sup> Ara l-Opinjoni 2/91 *ILO* (op. cit. nota 13 f'qiegħ il-paġna), paragrafi 25 u 26; Sentenza f'"Sema miftuħ" (op. cit. nota 13 f'qiegħ il-paġna), paragrafu 82; Opinjoni 1/03 *Konvenzjoni ta' Lugano* (op. cit. nota 13 f'qiegħ il-paġna), paragrafi 120 u 126; Sentenza f'"Konvenzjoni dwar ix-Xandir" (op. cit. nota 11 f'qiegħ il-paġna), paragrafi 68 sa 73; kif ukoll il-Kawżi Magħquda C-626/15 u C-659/16, *Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill ("Weddell")*, sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tal-20 ta' Novembru 2018, EU:C:2018:925, paragrafi 113 u 114 u l-ġurisprudenza ċitata.

Meta tanalizza r-relazzjoni bejn l-istrument internazzjonali inkwistjoni u r-regoli rilevanti tal-UE, dik l-analiżi għandha tqis l-oqsma koperti, rispettivament, mir-regoli tad-dritt tal-UE u mid-dispożizzjonijiet ta' dak l-istrument, l-iżvilupp tagħhom fil-futur prevedibbli u n-natura u l-kontenut ta' dawk ir-regoli u dawk id-dispożizzjonijiet, sabiex jiġi ddeterminat jekk l-istrument imsemmi huwiex kapaċi jimmina l-applikazzjoni uniformi u konsistenti tar-regoli tal-UE u l-funzjonament tajjeb tas-sistema li jistabbilixxu<sup>15</sup>.

## **B. Konsegwenzi tal-kompetenzi esklużivi tal-UE fuq l-Istati Membri**

18. L-eżerċizzju intern, mill-UE, tal-kompetenza tagħha għandu konsegwenzi fuq l-Istati Membri sa fejn, jekk l-UE b'hekk tikseb kompetenza esklużiva, l-Istati Membri ma jistgħux jibqgħu jidħlu f'impenji internazzjonali barra mill-qafas tal-istituzzjonijiet tal-UE fl-oqsma li jaqgħu fl-ambitu tal-kompetenza esklużiva tal-UE<sup>16</sup>.
19. Min-naħa l-oħra, internament, fejn l-UE (għadha) ma eżerċitatx il-kompetenzi kondiviżi tagħha f'qasam partikolari, l-Istati Membri jistgħu jkomplu jeżerċitaw il-kompetenzi tagħhom f'dak il-qasam "*sal-punt fejn l-Unjoni ma tkunx eżerċitat (il-kompetenzi) tagħha*" (Artikolu 2(2) TFUE). Dan huwa minnu wkoll, esternament, fejn jirriżulta mill-analiżi ta' impenn internazzjonali (previst) li l-kondizzjonijiet għall-esklużività stipulati fl-Artikolu 3(2) TFUE, kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-ġurisprudenza estensiva tagħha dwar il-kompetenzi esterni (ara l-paragrafi 16 u 17 hawn fuq), mhumiex issodisfati u li, bħala konsegwenza, l-Istati Membri xorta jistgħu jeżerċitaw il-kompetenzi esterni tagħhom.

---

<sup>15</sup> Ara l-Opinjoni 3/15 tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tal-14 ta' Frar 2017, *Drittijiet ta' Aċċess*, EU:C:2017:114, paragrafu 108 u l-ġurisprudenza ċitata.

<sup>16</sup> Opinjoni 2/91 *ILO* (op. cit. nota 13 f'qiegħ il-paġna), paragrafi 25 u 26; Sentenza f'*Sema miftuħ*" (op. cit. nota 13 f'qiegħ il-paġna), paragrafu 82.

20. Pereżempju, l-UE għadha ma adottatx regoli interni komuni fir-rigward tad-drittijiet tat-traffiku tal-ajru mogħtija lil pajjiżi terzi. B'hekk, il-kompetenza li jiġu konklużi ftehimiet ma' pajjiżi terzi dwar tali materji ma saritx kompetenza esklużiva tal-UE<sup>17</sup> u tista' tiġi eżerċitata kemm mill-Istati Membri kif ukoll mill-UE<sup>18</sup>.

**C. Taħlita ta' ftehimiet internazzjonali: obbligatorja jew fakultattiva**

21. Huwa mfakkar li, f'konformità mal-prinċipju tal-ġhoti tal-kompetenzi (Artikolu 5 TUE), ftehim internazzjonali huwa mħallat, jiġifieri jiġi ffirmat u konkluż kemm mill-UE kif ukoll mill-Istati Membri tagħha, jekk jikkonċerna kompetenzi li jappartjenu kemm lill-UE kif ukoll lill-Istati Membri tagħha.
22. Fil-prattika, hemm żewġ tipi ta' taħlita: obbligatorja jew fakultattiva.

Taħlita hija obbligatorja fejn, minbarra l-oqsma ta' kompetenza tal-UE, il-ftehim previst ikopri qasam wieħed jew diversi oqsma li jaqgħu barra mill-ambitu tal-kompetenzi tal-UE, jiġifieri fejn it-Trattati ma jagħtux kompetenzi lill-UE f'dak il-qasam partikolari. F'tali każ, m'hemm ebda għażla politika: il-ftehim irid jiġi konkluż kemm mill-UE kif ukoll mill-Istati Membri tagħha.

It-taħlita hija fakultattiva fejn il-ftehim previst ikopri qasam wieħed jew diversi oqsma fejn l-UE għandha kompetenzi kondiviżi li huma potenzjali, jiġifieri li għadhom ma ġewx eżerċitati jew għadhom mhumiex koperti minn regoli komuni tal-UE li fir-rigward tagħhom il-ftehim previst ikollu konsegwenzi kif imsemmija fl-Artikolu 3(2) u l-ġurisprudenza relatata. F'każ bħal dan, il-ftehim jista' jiġi konkluż jew mill-UE u l-Istati Membri tagħha jew mill-UE waħedha. Il-ftehim ikun ftehim li jirrigwarda lill-UE biss jew ftehim imħallat, skont jekk il-Kunsill jiddeċidix li jeżerċita l-kompetenzi potenzjali kollha tal-UE jew le. Din hija għażla politika li għandha ssir mill-Kunsill abbażi tad-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat li jagħtu kompetenza lill-UE.

---

<sup>17</sup> Sentenza f'*"Sema miftuħ"* (op. cit. nota 13 f'qiegħ il-paġna), paragrafi 90 sa 92.

<sup>18</sup> Ara l-opinjoni tas-SLK f'5990/18 dwar ir-Regolament dwar il-kompetizzjoni fit-trasport bl-ajru, paragrafi 23 u 24.

23. Fl-Opinjoni<sup>19</sup> tagħha dwar il-*Ftehim ta' Kummerċ Ħieles ma' Singapore*, il-Qorti tal-Ġustizzja pprovdiet kjarifiki dwar id-diviżjoni tal-kompetenzi bejn l-UE u l-Istati Membri fil-qasam tal-kummerċ u l-investment. Il-Qorti kkonkludiet li l-biċċa l-kbira tal-*Ftehim ta' Kummerċ Ħieles ma' Singapore* kien jaqa' fl-ambitu tal-kompetenza esklużiva tal-UE għaliex jew kien kopert mill-Politika Kummerċjali Komuni, inkluż dwar l-investment dirett barrani, kif definit fl-Artikolu 207(1) TFUE, jew għaliex kien kopert mill-Politika Komuni tat-Trasport (Artikoli 91 u 100(2) TFUE)<sup>20</sup>.
24. Fl-istess Opinjonijiet, il-Qorti fakkret li l-investment dirett barrani huwa kompetenza esklużiva tal-UE. Madankollu, sa fejn id-dispożizzjonijiet tal-*Ftehim ta' Kummerċ Ħieles* kienu relatati mal-investment indirett (jiġifieri, investment ta' portafoll), il-kompetenza għalih kienet "*kondiviża bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri skont l-Artikolu 4(1) u (2)(a) TFUE*"<sup>21</sup>. Dwar l-eżerċizzju possibbli ta' tali kompetenza kondiviża potenzjali, il-Qorti ċċarat fis-sentenza tagħha f'*Weddell* li "(...) l-unika ċirkustanza li azzjoni tal-[UE] fix-xena internazzjonali taqa' taħt kompetenza kondiviża bejnha u l-Istati Membri ma teskludix il-possibbiltà li l-Kunsill jirċievi fi ħdanu l-maġġoranza meħtieġa sabiex l-[UE] teżerċita waħedha din il-kompetenza esterna"<sup>22</sup>.
25. Fil-każ ta' taħlita fakultattiva, fejn l-UE għandha kompetenza għall-materji koperti minn ftehim, li wħud minnhom mill-inqas jaqgħu fl-ambitu tal-kompetenza potenzjali tagħha, dik il-kompetenza potenzjali xorta tista' tiġi eżerċitata mill-Istati Membri jekk ikunu jixtiequ. Madankollu, il-Kunsill jista' jiddeċiedi, għal ftehim partikolari, li jeżerċita l-kompetenza potenzjali tal-UE abbażi tal-bażi ġuridika rilevanti tat-Trattat,<sup>23</sup> f'konformità mar-regoli ta' votazzjoni previsti fih. Jekk jeżerċitax jew le l-kompetenza potenzjali tal-UE esternament meta jiġi konkluż ftehim hija kwistjoni ta' għażla politika għall-Kunsill<sup>24</sup>.

<sup>19</sup> Opinjonijiet 2/15 tal-Qorti tal-Ġustizzja (Qorti Plenarja) tas-16 ta' Mejju 2017, *Ftehim ta' Kummerċ Ħieles ma' Singapore*, EU:C:2017:376.

<sup>20</sup> Fil-każ tas-servizzi tat-trasport, il-Qorti ddeduċiet dan mill-ġurisprudenza tal-AETR tagħha: ara l-Opinjoni 2/15 *Ftehim ta' Kummerċ Ħieles ma' Singapore* (op. cit. nota 19 f'qiegħ il-paġna), paragrafu 170 u aktar. Madankollu, innota li s-servizzi tat-trasport bl-ajru ma kinux koperti fil-ftehim ma' Singapore, ara l-paragrafu 63 ta' dik l-Opinjoni.

<sup>21</sup> Opinjonijiet 2/15 *Ftehim ta' Kummerċ Ħieles ma' Singapore* (op. cit. nota 19 f'qiegħ il-paġna), paragrafu 243.

<sup>22</sup> Sentenza f'*Weddell*" (op. cit. nota 14 f'qiegħ il-paġna), paragrafu 126.

<sup>23</sup> Ara l-opinjoni tas-SLK fid-dokument 12866/19 dwar is-Sistema ta' Qorti tal-Investment (ICS) tas-CETA, paragrafu 6.

<sup>24</sup> Ara l-Kawża C-600/14, *Il-Ġermanja vs Il-Kunsill ("OTIF")*, sentenza tal-Qorti (Awla Manja) tal-5 ta' Diċembru 2017, EU:C:2017:935, paragrafu 68; ara wkoll is-Sentenza f'*Weddell*" (op. cit. nota 14 f'qiegħ il-paġna), paragrafi 126 u 127.

26. Għandha ssir distinzjoni bejn dan il-każ u każijiet ta' taħlita obligatorja fejn is-suġġett ta' ftehim ikopri parzjalment materji li l-UE għandha kompetenza għalihom, u parzjalment materji li għalihom l-UE ma għandha ebda kompetenza. F'sitwazzjoni bħal din, kif intqal qabel fil-paragrafu 22, it-taħlita mhijiex għażla politika iżda obbligu legali<sup>25</sup>.
27. Huwa mfakkar li l-konklużjoni ta' ftehimiet imħallta tippreżenta kumplessità proċedurali u politika kif juri l-proċess relatat mal-konklużjoni ta' ftehimiet imħallta reċenti. Fil-fatt, id-dħul fis-seħħ ta' ftehim imħallat jeħtieġ ratifika mhux biss mill-UE (konklużjoni mill-Kunsill, normalment wara li tinkiseb l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew), iżda wkoll mill-Istati Membri kollha tagħha f'konformità mar-rekwiżiti kostituzzjonali tagħhom. Bħala konsegwenza, fil-prinċipju, l-UE tistenna r-ratifika mill-Istati Membri kollha qabel ma tirroratifika hi stess. Tali proċess jista' jieħu żmien twil u jiddependi minn jekk ir-ratifika tipproċedix bla xkiel jew le fl-Istati Membri kollha. B'kuntrast ma' dan, sabiex jidħol fis-seħħ, ftehim li jirrigwarda lill-UE biss jeħtieġ li jiġi rratifikat biss mill-UE, u fil-prattika jista' jiġi konkluż f' iż-żmien iqsar minn ftehim imħallat.

#### **D. Il-każ partikolari tal-ftehim dwar il-kummerċ u l-kooperazzjoni mar-Renju Unit**

28. Mingħajr ma nidħlu f'eżami dettaljat tat-Titoli u dispożizzjonijiet differenti tiegħu, eżami rapidu tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni juri li ma tirriżulta ebda sitwazzjoni ta' taħlita obligatorja: l-UE għandha kompetenza fl-oqsma kollha koperti minnu.

---

<sup>25</sup> Ara Opinjoni 2/15 *Ftehim ta' Kummerċ Ħieles ma' Singapore* (op. cit. nota 19 f'qiegħ il-paġna), paragrafu 292. Ara wkoll l-opinjoni tas-SLK fid-dokument 12866/19 (ICS tas-CETA) u d-dokument 6442/19 (Konvenzjoni tan-NU dwar l-Arbitraġġ bejn l-Investitur u l-Istat).

29. Is-SLK ifakkar f'dan il-kuntest li, pereżempju, id-dispożizzjonijiet relatati mal-kummerċ jew is-sajd li jinsabu fl-Intestatura Wieħed tat-Tieni Parti (Kummerċ) u l-Intestatura Ħamsa tat-Tieni Parti (Sajd) huma kompetenzi esklużivi tal-UE bis-saħħa tal-Artikolu 3(1) TFUE. Dispożizzjonijiet oħra tal-Ftehim, pereżempju, it-Titolu II tal-Intestatura Tnejn (Sikurezza tal-Avjazzjoni) jew tat-Tielet Parti (Infurzar tal-liġi u kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali), ikopru materji li saru esklużivi permezz ta' eżerċizzju jew huma fil-biċċa l-kbira koperti mil-*acquis* tal-UE li ser ikunu jew jirriskjaw li jkunu affettwati mill-Ftehim<sup>26</sup>.
30. Għall-kuntrarju, hemm ċerti dispożizzjonijiet oħra, pereżempju drittijiet tat-traffiku fil-qasam tal-avjazzjoni, li jappartjenu għall-kompetenzi kondiviżi tal-UE li għadhom mhumiex eżerċitati internament, u li għalhekk huma biss kompetenzi potenzjali tal-UE. Fir-rigward ta' dawn il-kompetenzi potenzjali, il-Kunsill jista' jiddeċiedi, meta jadotta d-deċiżjoni dwar l-iffirmar, li l-UE teżerċita dan it-tip ta' kompetenzi potenzjali mhux esklużivi, u b'hekk il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jsir ftehim għall-UE biss.
31. Meta adotta d-deċiżjoni dwar l-iffirmar fid-29 ta' Diċembru 2020, il-Kunsill għamel din l-għażla politika u ddeċieda li jeżerċita l-kompetenza tal-UE fl-oqsma ta' kompetenza potenzjali tal-UE. Dik id-deċiżjoni tipproduċi effetti legali mhux l-inqas minħabba li daħlet fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha mill-Kunsill (29 ta' Diċembru 2020) u l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni qed jiġi applikat proviżorjament mill-1 ta' Jannar 2021. B'hekk il-Ftehim għandu jiġi konkluż ukoll bħala ftehim li jirrigwarda lill-UE biss.
32. Kif indikat hawn fuq fil-paragrafi 21 sa 25, huwa biss fejn l-UE hija vestita bil-kompetenza li tagħmel hekk fit-Trattati, li tista' tikkonkludi ftehim internazzjonali, f'konformità mal-bażi ġuridika rilevanti. Fil-każ inkwistjoni, il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni ġie ffirmat u applikat proviżorjament abbażi tal-Artikolu 217 TFUE, bħala l-bażi ġuridika sostantiva, flimkien mal-bażijiet ġuridiċi proċedurali rilevanti (Artikolu 218(5) u (8) TFUE).

---

<sup>26</sup> Ara, fost oħrajn, ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jstabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1) u d-Direttiva (UE) 2016/681 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar l-użu ta' data tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 132).

33. L-Artikolu 217 TFUE jagħti s-setgħa lill-UE biex tikkonkludi ma' pajjiż terz ftehim li jistabbilixxi assoċjazzjoni li tinvolvi drittijiet u obbligi reċiproċi, azzjoni komuni u proċedura speċjali. L-oqsma koperti minn tali ftehim għandhom ikunu fil-limiti tas-setgħat li l-Istati Membri taw lill-UE fit-Trattati biex jintlaħqu l-oġettivi stabbiliti fihom<sup>27</sup>. L-Artikolu 217 TFUE jista' jintuża kull meta jkun hemm kompetenza tal-UE - jiġifieri fejn it-Trattat jagħti l-kompetenza xierqa lill-UE fl-oqsma differenti koperti mill-ftehim - anke jekk din il-kompetenza ma tkunx ġiet eżerċitata kompletament u hija biss potenzjali. Madankollu, l-Artikolu 217 TFUE ma għandux jintuża bħala bażi ġuridika jekk ma jkunx hemm kompetenza sottostanti, jiġifieri għandu jkun hemm il-kompetenza settorjali sottostanti biex l-Artikolu 217 TFUE jintuża bħala bażi ġuridika.
34. L-Artikolu 217 TFUE jippermetti li l-UE tikkonkludi, b'unanimità, ftehim estensiv dwar materji ta' kompetenza tal-UE mingħajr il-ħtieġa li jiġu identifikati fid-dettall l-oqsma fejn l-UE diġà eżerċitat jew le l-kompetenza tagħha. Dan jista' jinkludi oqsma ta' kompetenza tal-UE fejn il-bażi ġuridika settorjali teħtieġ unanimità jew votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata, kif ukoll oqsma ta' kompetenza potenzjali tal-UE li għadhom ma ġewx eżerċitati internament.

---

<sup>27</sup> Ara l-Kawża C-81/13, *Ir-Renju Unit vs Il-Kunsill* ("*Sigurtà soċjali Turkija*"), sentenzi tal-Qorti (Awla Manja) tat-18 ta' Diċembru 2014, EU:C:2014:2449, paragrafi 61 u 62.

**E. Eżerċizzju, fir-rigward tar-Renju Unit, tal-kompetenza kondiviża tal-UE fil-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali u d-drittijiet tat-traffiku tal-avjazzjoni**

35. Pereżempju, l-UE għandha kompetenza kondiviża fil-qasam tal-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali (Artikolu 48 TFUE). L-UE kkonkludiet diversi ftehimiet ma' pajjiżi terzi li fihom regoli dwar il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali. Dan huwa tipikament il-każ għal ftehimiet ta' assoċjazzjoni bbażati fuq l-Artikolu 217 TFUE. In-nuqqas ta' kkompletar tal-moviment liberu tal-persuni mhuwiex ostaklu għall-konklużjoni ta' ftehim tal-UE fil-qasam tal-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali<sup>28</sup>. S'issa, ftehimiet ma' pajjiżi terzi li jkopru wkoll il-qasam tal-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali ġew konklużi b'mod ġenerali bħala ftehimiet imħallta. Madankollu, peress li l-UE għandha kompetenza f'dan il-qasam, din hija kwistjoni ta' għażla politika. Huwa ugwalment possibbli li l-UE tagħżel li teżerċita l-kompetenza tagħha esternament u li tikkonkludi ftehim bħal dan bħala ftehim li jirrigwarda lill-UE biss.
36. Bl-istess mod, l-UE għandha kompetenza kondiviża fil-qasam tat-trasport bl-ajru (Artikoli 91 u 100(2) TFUE). Ladarba u sa fejn l-UE teżerċita internament tali kompetenza kondiviża, hija ssir esklużivament kompetenti esternament għal materji li jaffettwaw dawk ir-regoli interni. Peress li l-UE għadha ma eżerċitatx din il-kompetenza kondiviża internament fir-rigward tad-drittijiet tat-traffiku mogħtija lil pajjiżi terzi, il-ftehimiet ma' pajjiżi terzi dwar tali materji spiss jiġu konklużi bħala ftehimiet imħallta (taħlita fakultattiva). Il-Kunsill jista' jagħżel jekk jużahix esternament jew le.

---

<sup>28</sup> Fir-rigward tat-Turkija, pereżempju, il-Qorti kkompensat għan-nuqqas ta' kkompletar tal-moviment liberu bl-inklużjoni tal-Artikolu 217 TFUE mal-Artikolu 48 TFUE bħala bażi ġuridika sostantiva għall-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-UE, li għandha tittieħed fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Turkija, fir-rigward tal-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali (ara s-sentenza fil-kawża "*sigurtà soċjali Turkija*" (op. cit. nota 27 f'qiegħ il-paġna), paragrafu 63.

**F. Effett għall-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-UE tal-kompetenza (potenzjali) tagħha**

37. L-eżerċizzju estern tal-kompetenzi tal-UE msemmija hawn fuq fir-rigward ta' pajjiż terz partikolari ma jżommx lill-Istati Membri milli jeżerċitaw il-kompetenza tagħhom dwar l-istess materja fil-konfront ta' pajjiżi terzi oħra. Pereżempju, l-UE għandha ftehim dwar l-avjazzjoni mal-Iżvizzera li ilu jeżisti aktar minn 20 sena<sup>29</sup> u li jkopri d-drittijiet tat-traffiku. L-eżistenza ta' dan il-ftehim ma waqqfitx lill-Istati Membri milli jikkonkludu ftehimiet dwar id-drittijiet tat-traffiku ma' pajjiżi terzi oħra.
38. Għalhekk, il-fatt li l-Kunsill iddeċieda li jagħżel, fil-każ speċifiku tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni mar-Renju Unit, ftehim li jirrigwarda lill-UE biss ma jżommx lill-Istati Membri milli jkomplu jeżerċitaw il-kompetenzi nazzjonali tagħhom fil-konfront ta' pajjiżi terzi oħra f'dak l-istess qasam ta' kompetenza potenzjali tal-UE. L-eżerċizzju mill-UE tal-kompetenzi potenzjali tagħha fil-qasam ikkonċernat fir-rigward tar-Renju Unit ma jwassalx għal sitwazzjoni ta' esklużività fir-rigward tar-relazzjonijiet tagħha ma' pajjiżi terzi oħra u lanqas sitwazzjoni ta' esklużività għall-qasam tad-drittijiet tat-traffiku li jikkonċernaw pajjiżi terzi oħra bħallikieku dik il-kompetenza ġiet eżerċitata internament. Għalhekk, l-Istati Membri jibqgħu liberi li jkomplu jikkonkludu ftehimiet internazzjonali f'dawn l-oqsma ta' kompetenza kondiviża ma' pajjiżi terzi għajr ir-Renju Unit taħt l-istess kondizzjonijiet bħal qabel l-iffirmar tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni. Kif spjegat hawn fuq fil-paragrafu 10, din il-possibiltà hija kkonfermata b'mod espliċitu fil-premessa 15 u fl-Artikolu 10 tad-deċiżjoni dwar l-iffirmar.

---

<sup>29</sup> Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-Trasport bl-Ajru, iffirmat fil-21 ta' Ġunju 1999 (ĠU L 114, 30.4.2002, p. 73).

## G. Dispożizzjonijiet dwar l-hekk imsejħa "supplimenti" possibbli mill-Istati Membri

39. Barra minn hekk, il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jipprevedi l-possibbiltà, jew ma jeskludihex, li l-Istati Membri jidħlu fi ftehimiet bilaterali mar-Renju Unit dwar materji speċifiċi koperti mill-Ftehim fl-oqsma tat-trasport bl-ajru, il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam doganali u tal-VAT u l-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali<sup>30</sup>. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu dan dment li tali ftehimiet ikunu kompatibbli mad-dritt tal-UE, ma jimminawx il-funzjonament tal-Ftehim u jkunu kompatibbli b'mod ieħor mal-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 6 sa 8 tad-deċiżjoni dwar l-iffirmar, li tipprevedi mekkaniżmu intern ta' informazzjoni u kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, li jwassal għall-possibbiltà li jiġu awtorizzati arranġamenti jew ftehimiet bilaterali li l-Istati Membri jikkonkludu mar-Renju Unit f'dawk l-oqsma.
40. Dan il-mekkaniżmu intern huwa espressjoni tad-dmir ta' kooperazzjoni leali li għandhom l-Istati Membri (Artikolu 4(3) TUE)<sup>31</sup>, li huwa ta' applikazzjoni ġenerali u ma jiddependix minn jekk il-kompetenza kkonċernata hijiex esklużiva<sup>32</sup>. Abbażi ta' dan, l-Istati Membri għandhom id-dmir li joqogħdu lura minn kwalunkwe azzjoni li tista' tipperikola l-kisba tal-oġġettivi tal-UE, u li jiżguraw li tali arranġamenti jew ftehimiet ikunu kompatibbli u ma jimminawx il-funzjonament tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni. Sa fejn dan jiddefinixxi u jorganizza l-possibbiltà ta' ċerti ftehimiet bilaterali li jissupplimentaw il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni (l-hekk imsejħa "supplimenti") kif permessa jew mhux ipprojbata mill-Ftehim innifsu, dan il-mekkaniżmu intern huwa wkoll espressjoni tal-fatt li l-Ftehim huwa parti mid-dritt tal-UE, huwa vinkolanti f'konformità mal-Artikolu 216(2) TFUE, u għalhekk għandu l-primat.

---

<sup>30</sup> Ara l-Artikolu AIRTRN.3 u l-Artikolu 41 tal-Protokoll dwar il-VAT.

<sup>31</sup> Artikolu 4(3) TUE: "*Skont il-prinċipju tal-kooperazzjoni leali, l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom, f'rispett reċiproku sħiħ, jgħinu lil xulxin fit-tweqqif tal-kompiti li jgħorġu mit-Trattati. L-Istati Membri għandhom jieħdu kull miżura ġenerali jew partikolari xierqa sabiex jassiguraw li l-obbligi li jgħorġu mit-Trattati jew li jirriżultaw mill-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni jitwettqu. L-Istati Membri għandhom jgħinu lill-Unjoni sabiex twettaq il-kompiti tagħha u joqogħdu lura minn kwalunkwe miżura li tista' tqiegħed f'periklu l-kisba tal-oġġettivi tal-Unjoni.*"

<sup>32</sup> C-246/07, *Il-Kummissjoni vs L-Iżvezja*, Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tal-20 ta' April 2010, EU:C:2010:203, paragrafu 71.

41. L-eżistenza tal-mekkaniżmu intern hija indipendenti min-natura tal-kompetenza inkwistjoni. Jekk nieħdu l-eżempju tad-drittijiet tat-traffiku, fil-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni l-UE qed teżerċita l-kompetenza esterna tagħha dwar ċerti drittijiet tat-traffiku fir-rigward tar-Renju Unit. Ċerti ftehimiet bilaterali li jissupplimentaw il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni huma permessi mill-Ftehim innifsu f'konformità mal-kondizzjonijiet stipulati fih<sup>33</sup>. Il-Ftehim innifsu jipprojbixxi speċifikament supplimenti ulterjuri (Artikolu AIRTRAN.23)<sup>34</sup>. Il-mekkaniżmu intern ta' għoti ta' setgħat fl-Artikolu 6 tad-deċiżjoni dwar l-iffirmar jirregola kif ser jiġu awtorizzati s-supplimenti permessi. Għalhekk, tal-inqas fejn jikkonċerna ftehimiet supplimentari dwar id-drittijiet tat-traffiku, il-mekkaniżmu ta' awtorizzazzjoni mhuwiex biss espressjoni tad-dmir ta' kooperazzjoni leali. Huwa meħtieġ ukoll billi l-kompetenza kondiviża, mhux użata preċedentement, dwar id-drittijiet tat-traffiku fir-rigward tar-Renju Unit issa hija rregolata mid-dispożizzjonijiet tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni li għandu l-primat, u hija materja ta' kompetenza esklużiva tal-UE fir-rigward tar-Renju Unit. Madankollu, kif iddikjarat hawn fuq fil-paragrafi 37 sa 38 u kkonfermat b'mod espliċitu fil-premessa 15 u l-Artikolu 10 tad-deċiżjoni dwar l-iffirmar, dik il-kompetenza tal-UE mhihiex esklużiva fir-rigward ta' pajjiżi terzi oħra.

---

<sup>33</sup> Artikolu AIRTRN.3(5) TCA: "*id-drittijiet mogħtija reċiprokament f'konformità mal-paragrafu 4 (jiġifieri s-supplimenti) għandhom ikunu rregolati mid-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu.*"

<sup>34</sup> "*Ir-Renju Unit u Stat Membru ma jistgħux jagħtu lil xulxin xi dritt b'rabta mat-trasport bl-ajru lil, minn jew fit-territorji rispettivi tagħhom minbarra daww stabbiliti b'mod espliċitu f'dan it-Titolu, ħlieg kif previst fl-Artikolu AIRTRN.3(4) u (9) [drittijiet tat-traffiku].*"

42. Fl-aħħar nett, is-SLK jieħu din l-opportunità biex jiċċara, kif għamel fil-Coreper fit-22 ta' Jannar 2021, li għall-kuntrarju tad-dikjarazzjoni li saret mill-Kummissjoni għall-minuti tal-Kunsill fid-29 ta' Diċembru 2020, b'rabta mal-adozzjoni tad-deċiżjoni dwar l-iffirmar,<sup>35</sup> huwa ma jara ebda ostaklu legali biex att legali bbażat fuq l-Artikoli 217 u 218 TFUE, bħad-deċiżjoni dwar l-iffirmar, jew id-deċiżjoni futura tal-Kunsill li tikkonkludi l-ftehimiet, ikun fih tali mekkaniżmu intern għall-awtorizzazzjoni ta' arranġamenti jew ftehimiet bilaterali bejn l-Istati Membri individwali u r-Renju Unit. Tali mekkaniżmi interni ta' awtorizzazzjoni jew għoti ta' setgħat jistgħu jiġu stabbiliti f'att legali adottat abbażi tal-bażi ġuridika sostantiva settorjali rilevanti (jiġifieri att leġislattiv) jew f'att legali adottat mill-Kunsill għall-iffirmar u l-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali<sup>36</sup>.

#### IV. KONKLUŻJONI

43. Biex jikkonkludi, is-Servizz Legali tal-Kunsill jikkonferma l-fehma tiegħu li, billi jkopri biss oqsma fejn l-UE għandha kompetenza, kemm jekk esklużiva jew potenzjali, il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jista' jiġi konkluż bħala ftehim li jirrigwarda lill-UE biss abbażi tal-Artikolu 217 TFUE. Il-Kunsill iddeċieda li jagħmel din l-għażla meta adotta d-deċiżjoni dwar l-iffirmar fid-29 ta' Diċembru 2020.

---

<sup>35</sup> Dokument 5525/20 ADD 1.

<sup>36</sup> Is-SLK ifakkar li l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jistabbilixxi mekkaniżmu intern simili fir-rigward ta' ftehimiet f'oqsma ta' kompetenza tal-UE li ċerti Stati Membri huma permessi, skont il-kondizzjonijiet imsemmija f'dik id-dispożizzjoni, li jikkonkludu mar-Renju Unit (ara d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135 tat-30 ta' Jannar 2020 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ĠU L 29, 31.1.2020, p. 1).